MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 932/1988/1

**Joseph Said bhala Managing Director, ghan-nom u in rappresentanza tas-Socjeta' "Intercontinental Services Limited"**

**vs**

**Alfred Grima, Charles Grima, Victor Licari, Avukat Dottor A. Mercieca LL.D., u l-Professur Joseph A. Micallef LL.D. u b'att prezentat fis-6 ta' Frar 2001 l-Avukati Anton u Peter ahwa Micallef assumew l-atti minflok il-Professur Joseph Micallef li miet waqt il-mori tal-kawza, u b'digriet tal-Qorti tas-7 ta' Lulju, 2003 gew trasfuzi l-atti f'isem Marguerite Mercieca u Anna Mercieca minflok il-mejjet Dr. Victor Mercieca.**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fit-13 ta' Settembru, 1988, li fiha wara li ppremettew:

1. Illi fil-perjodu bejn il-31 ta' Lulju, 1984 u t-30 ta' Lulju, 1985, il-konvenut Alfred Grima kien ic-Chairman tas-socjeta' attrici u l-konvenuti l-ohra kienu diretturi tas-socjeta' attrici;

2. Illi jirrizulta minn dokumenti ufficjali li tul l-imsemmi perjodu, u senjatament fil-25 ta' Gunju, 1985, il-konvenut Alfred Grima bhala firmatarju tal-kumpanija attrici u ghan-nom tal-istess ffirma l-kuntratt li bih ittrasferixxa lil Dielja Co. Ltd zewg imhazen f'Coal Whard, Marsa, versu l-prezz komplessiv ta' LM45,000;

3. Illi tali prezz ta' Lm45,000 thallas minn Dielja Co. Ltd. fl-intier tieghu;

4. Illi mill-kobta tas-socjeta' attrici jirrizulta li mir-rikavat tal-imsemmi bejgh l-ammont ta' LM1,575 gie "*netted off" tramite "disposal of fixed assets",* bla ebda dettalji jew spjegazzjoni relattiva kwalsiasi;

5. Illi l-Bord tad-diretturi attwali tas-socjeta' attrici, elett fil-kariga fit-30 ta' Lulju, 1986, u sussegwentement konfermat fl-istess kariga, ripetutament talab lill-konvenut Alfred Grima sabiex jaghti spjegazzjoni dettaljata dwar il-mod kif huwa iddispona mill-imsemmi ammont ta' LM1,575 stante li, kif premess, ma tezisti ebda spjegazzjoni gustifikata ta' tali somma fil-kotba u kontijiet tas-socjeta' attrici;

6. Illi inoltre fid-29 ta' Settembru, 1986 il-konvenut Alfred Grima gie interpellat permezz ta' protest gudizzjarju sabiex "*inter alia*" jipproduci prova dokumentarja sodisfacenti dwar il-mod kif huwa ddispona mill-imsemmi ammont ta' LM1,575 a beneficcju tas-socjeta' attrici;

7. Illi pero' b'kontro-protest prezentat fid-9 ta' Ottubru, 1986, il-konvenut Alfred Grima filwaqt li qabel li z-zewg imhazen imsemmija f'dak il-Protest inbieghu ghas-

somma ta’ LM45,000 u li ttiehdet is-somma ta’ LM1,575, naqas milli jaghti spjegazzjoni gustifikattiva tal-operat tieghu anzi ddikjara testwalment li m’ghandux ghalfejn jaghti ebda dettalji tal-operat tieghu ghaliex kull m’ghamel kien gie qabel approvat mill-membri l-ohra tal-Bord ta’ dak iz-zmien – affarijiet li huma legalment insostenibbli u fattwalment mhux pruvati u huma kontestati;

8. Illi fid-19 ta’ Gunju, 1987, l-istanti baghtu ittra ufficjali lill-konvenuti kollha biex jaghtu kont tal-operat taghhom dwar l-LM1,575 fuq indikati u r-risposta li nghataw huma dawk annessi (Dok. VL, AG, CG, VM) izda avvolja ntqal mill-konvenut li thallsu fl-interess tas-socjeta’ attrici hadd izda ma ta l-ebda dokument gustifikattiv jew spjegattiv u l-ebda dettall li jaghti xi spjegazzjoni dwar dan is-suppost pagament ta’ LM1,575 sar lil xi terz, u subordinatament, jekk sar, li dan il-pagament sar fl-interess tal-kumpanija attrici u/jew li kien lecitu u li jidhol fl-awtorita’ tal-kumpanija jew tal-Bord tad-Diretturi taghha; u peress li minn dokumentazzjoni relattiva u mill-istess ammissjoni tal-konvenut Alfred Grima ma jirrizulta li kien hemm ebda sensal jew li sar xi pagament ta’ ebda kummissjoni; u peress illi l-konvenuti kollha li kellhom x’jaqsmu ma’ din il-kwistjoni bhala diretturi, segretarju u/jew firmatarji ta’ dokumenti bankarji f’isem il-kumpanija istanti huma solidalment obbligati lejn l-istanti biex jaghtu kont tal-operat taghhom u li jhallsu lill-istanti anke jekk hemm bzonn il-linea tad-danni, l-imsemmija LM1,575 li kienu flus tal-kumpanija istanti u li baqghet nieqsa minnhom; u peress li l-konvenuti kollha fil-kariga u mansjonijiet li kellhom fil-kumpanija attrici kienu obbligati lij agixxu bid-diligenza u attenzjoni kollha u fil-limiti tal-legalita’ u awtorita’ tal-kumpanija u fil-fatt naqsu milli jaqdu dawn id-doveri taghhom lejn il-kumpanija skond il-ligi, minhabba frodi u/jew negligenza u/jew kolpa skond il-ligi, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

9. Illi bhala fatt l-imsemmi ammont LM1,575 ittiehed mill-fondi tas-socjeta’ attrici u gahlhekk fic-cirkostanzi bl-ghemil jew nuqqas tal-konvenut s-socjeta’ attrici soffriet danni konsistenti fil-mankat inkass tas-somma ta’ LM1,575 u fit-telf tal-imghax relattiv;

10. Illi l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni hekk sofferti mis-socjeta' attrici u dana in solidum bejniethom;

Ghalhekk l-atturi talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Jigi dikjarat u deciz minn din il-Qorti illi l-konvenuti kollha, jew min minnhom huma responsabbli, anke jekk hemm bzonn in linea ta' danni, lejn l-istanti nomine minhabba l-ghemil jew nuqqas taghhom bazat fuq frodi u/jew negligenza u/jew kolpa fl-esekuzzjoni tad-doveri taghhom lejn il-kumpanija attrici ghas-somma ta' LM1,575 li kienet parti mill-prezz tal-bejgh ta' zewg imhazen f'Coal Wharf, Marsa, liema somma ta' LM1,575 ittiehdet mill-fondi tas-socjeta' attrici minghajr raguni valida u/jew spjegazzjoni gustifikata;

2. Din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, solidalment bejniethom, ihallsu lill-istanti nomine s-somma fuq indikata ta' LM1,575 bl-interessi tat-8% fis-sena mid-9 ta' Settembru, 1985, data meta ittiehdet mill-fondi tas-socjeta' attrici l-imsemmija somma, sad-data tal-pagament effettiv lill-istanti nomine – dana wkoll ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Protest Gudizzjarju tad-29 ta' Settembru, 1986 u dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Gunju, 1987 kontra l-konvenuti li ghandhom jibqghu ngunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut Charles Grima li biha ecepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra l-eccipjent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi meta ttiehdet id-decizjoni koncernanti l-bejgh tal-fond in kwistjoni u l-persuni koncernati inghataw il-fakolta biex jikkonkludu n-negozju bil-prezz u taht dawk il-kundizzjonijiet stabbiliti, u cioe' fil-laqgha tal-Bord tad-Diretturi tat-13 ta' Frar, 1995, l-eccipjent ma kienx direttur tas-socjeta' attrici;

2. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda in kwantu diretti kontra l-eccipjent;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut Alfred Grima li biha eccepixxa:

1. Illi d-domandi attrici, in kwantu huma diretti kontra l-esponenti, ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante illi dak kollu li sar rigward it-transazzjoni kummercjali, sar bl-approvazzjoni tal-Bord tad-Diretturi u sakemm ma jigix pruvat, mhux biss allegat, frodi da parte tad-diretturi, ebda Bord gdid ma jista' jerga' jissindika l-operat tal-Bord ta' qablu. L-operat tal-Bord tal-Diretturi kien diligenti, huma agixxew bl-attenzjoni kollha u fil-limiti tal-legalita' u awtorita' tal-kumpanija u ma naqqsux milli jaqdu dawk id-doveri taghhom lejn il-kumpanija skond il-ligi;

2. Bla pregudizzju ghall-premess, mhux minnu illi l-ammont ta' LM1,575, ittiehed mill-fondi tal-kumpanija u din, b'rizultat, sofriet danni konsistenti fit-telf tal-istess somma u l-imghax relattiv. Din is-somma thallset fl-interess tas-socjeta', kif dehrilha li kien opportun li jsir f'dak il-mument, l-esponenti u kif kien awtorizzat kwindi ghalhekk is-socjeta' ma sofrietx danni;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut Professur Dottor Joseph A. Micallef li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament din l-azzjoni qeghda tigi ezercitata ghan-nom tas-socjeta' mill-Managing Director u mhux mill-Bord li l-mensjonijiet tieghu huma affini ghal *management* u amministrazzjoni, u b'hekk m'ghandux *locus standi* ghall-azzjoni ta' responsabbilita' derivanti minn obbligazzjoni debitament konkjuza mill-Bord tad-diretturi;

2. Illi obbligazzjoni approvati mill-Bord tad-Diretturi tista’ tigi biss kontestata minn Bord tad-Diretturi iehor biss fuq agir ta’ frodi. In difett li ma jagixxi hekk il-Bord il-kawza ghandha tigi intavolata minn azzjonista tas-socjeta’ fl-interess tal-*minority shareholders* u tal-kumpanija;

3. Fil-meritu, illi m’hemm ebda agir ta’ frodi jew negligenza jew kolpa fl-esekuzzjoni tad-danni tal-Bord tad-Diretturi li approvaw il-bejgh ta’ l-imhazen ta’ Coal Wharf Marsa bil-prezz ta’ mhux anqas minn erbghin elf Lira Maltin (Lm40,000) taht il-kondizzjonijiet li dehrlu c-Chairman;

4. Illi s-somma reklamata bhala danni mill-attur minhabba frodi hija mhallsa bhala senserija jew kummissjoni mill-Managing Director fl-esekuzzjoni tal-kuntratt ta’ bejgh u din id-decizjoni fil-konfront tas-socjeta’ mhux sindakabbli minn din il-Qorti hlief f’kaz ta’ frodi li ma tezistix f’dan il-kaz;

5. Illi l-Bord tad-Diretturi ta’ Intercontinental Services Limited kien awtorizza lic-Chairman bhala Managing Director biex jikkonkludi t-transazzjoni taht il-kondizzjonijiet xierqa lilu;

6. Illi jekk il-Bord tad-Diretturi deherlu li c-Chairman precedenti waqt li kien qieghed jagixxi ta’ Managing Director ma hallasx dik is-somma ta’ elf, hames mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm1,575) fis-servizzi ta’ senserija jew kummissjoni li terzi persuni kien imissu ghamillu azzjoni differenti lilu talli ma raddx lill-kumpanija dak li huwa rcieva ghaliha, u bla ebda mod ma jitfa’ ombri koroh u frawdolenti fuq l-ghemil ta’ l-eccipjenti biex joskurawh;

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u salv u integru kull azzjoni ghad-danni spettanti lilu fuq l-allegat agir tieghu.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut Dottor Victor Mercieca li biha eccepixxa:

1. Illi l-eccipjent ma ghamel ebda att frawdolenti jew negligenti fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tas-socjeta' attrici li setgha kkaguna d-danni pretizi mill-attur nomine;

2. Illi l-pretensjonijiet u allegazzjonijiet tal-attur nomine fil-konfront tal-eccipjent huma kompletament infondati legalment peress li huwa la awtorizza u lanqas kien infurmat dwar in-natura u inkass tas-somma ta' LM1,575 reklamata mis-socjeta' attrici;

3. Ghaldaqstant, it-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut Victor Licari li biha eccepixxa:

1. Illi d-domandi attrici kif dedotti kontra tieghu huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2. Illi meta saret it-transazzjoni tal-immobbli msemmija fic-citazzjoni l-Bord tad-Diretturi kien iffissa limitu sa kemm il-persuni inkarigat bil-bejgh, jigifieri Alfred Grima u Henry Micallef kellhom jasslu u gew awtorizzati jbieghu bis-somma ta' hamsa u erbghin elf lira (LM45,000), il-prezz li nfatti gew mibjugha l-immobbli in kwistjoni;

3. Illi la f'din l-okkazzjoni u lanqas f'laqghat li saru wara li giet konkluza t-trattazzjoni ma gie msemmi li thallset jew kellha tithallas senserija jew xi rigal iehor. Infatti meta certu Grech kiteb ghas-senserija Alfred Grima informa lill-membri tal-Bord li hadd ma kellu dritt ghal senserija;

4. Illi ghalhekk l-uniku persuna li jaf f'hiex intefqet din is-somma hu Alfred Grima li ammetta mac-

Chairman tal-Bord prezenti li kien hadhom hu u ma ta ebda sodisfazzjoni fejn marru.

Rat in-Nota tas-6 ta' Frar, 2001, li biha l-Avukati Anton u Peter ahwa Micallef assumew l-atti tal-kawza minflok il-Professur Joseph Micallef li miet fil-mori tal-kawza;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ulterjuri mressqa mill-Avukati Anton u Peter ahwa Micallef li biha ecceppew:

1. Illi, filwaqt li jtennu u jsostnu l-eccezzjonijiet gia eccepiti mill-konvenut, illum mejjet, l-Avukat Professur Joseph Micallef, il-ligi applikabbli dwar il-mertu ta' din il-kawza hija l-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali (Kap 168) u mhux l-Att Nru XXV 1995 dwar il-kumpaniji;

2. Illi, stante li l-eccipjenti qatt ma kienu diretturi jew ufficjali tas-socjeta'/socjetajiet attrici, it-talbiet numru/i wahda (1) m'humiex sorretti mill-ligi fil-konfront ta' l-eccipjenti;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Dicembru, 2002, li in forza taghha laqghet l-ewwel eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti Avukat Anton u Peter ahwa Micallef u ddecidiet li l-ligi applikabbli ghall-meritu tal-kawza hija l-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali (Kap 168);

Rat il-verbal ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 2003, li fih gie registrat li, f'dan l-istadju, din il-Qorti ghandha tidderimi l-ewwel eccezzjoni preliminari li kienet giet sollevata mill-konvenut, il-mibki Professur Joseph A. Micallef;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi mressqa fuq din l-eccezzjoni preliminari;

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet ipprezentati mill-konvenut Micallef u mis-socjeta’ attrici;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut Micallef;

Ikkunsidrat:

Illi f’din l-eccezzjoni preliminari qed jigi sottomess illi din l-azzjoni, fejn qed jigi allegat nuqqas ta’ diligenza mid-diretturi fl-esekuzzjoni tad-doveri taghhom minhabba ghemil frawdolenti jew negligenti, ma tistax tigi intentata mis-subordinat taghhom li huwa l-*Managing Director*, izda fil-limiti ristretti mill-Bord tad-Diretturi u, fil-kaz li ma jkunx irid jagixxi dan, min kwalunkwe azzjonista. Il-mensjonjiiet tal-*managing director* tal-kumpanija qed jigi allegat, huma simili ghal dawk ta’ *management,* filwaqt li hawnhekk l-azzjoni tirrigwarda danni derivanti minn allegata azzjoni frawdolenti tal-Bord tad-Diretturi jew nuqqas u negligenza tad-doveri taghhom. Fi ftit kliem, qed jinghad li din il-kawza kellha ssir mill-*Board of Directors* tal-kumpanija attrici, u mhux mill-*Managing Director.*

Din il-qorti tibda biex tirrileva illi, bl-emendi li saru dan l-ahhar ghal-ligijiet ta’ procedura, tali kwistjoni hija biss ta’ natura akkademika, ghax illum kawzi minn kumpanija jsiru mill-kumpanija nfisha u tinfetah f’isem il-kumpanija u mhux mir-rappresentanti taghha. Peress, pero’, li meta infethet din il-kawza, il-procedura kienet tirrikjedi li kawza minn kumpanija trid tinfetah mir-rapprezentant legittimu taghha, hu dmir tal-Qorti tiddeciedi jekk, fil-fatt, il-kawza infethetx mill-kumpanija legalment rapprezentata.

Fil-kawza “Day noe vs Abela et noe”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-7 ta’ Frar, 1977, intqal li fil-kwalita’ ta’ *Managing Director,* dik il-persuna li tokkupa dik il-kariga, *“hu kellu l-poteri kollha necessarji ghat-tmexxija tan-negozju ordinarju tal-kumpanija, stante li din il-kariga timplika fin-natura taghha l-oneru u l-poteri li jmexxi n-negozju kollu tal-kumpanija, stante li oltre li hu wiehed mid-diretturi, hu wkoll Manager tal-kumpanija kollha. Il-poteri tieghu jestendu ghal dak kollu li*

*normalment jidhol fil-mensjonijiet ta' persuni f'dik il-kariga".* B'rifelss ta' dan, hija s-sottomissjoni tal-konvenut Professur Micallef, illum sostnuta mill-eredi tieghu l-konvenuti Micallef, li l-poteri ta' Managing Director huma dawk konnessi man-negozju ordinarju tal-kumpanija, u mhux li jirrapprezenta l-kumpanija f'gudizzju kontra l-ex-diretturi taghha li zgur ma jistax jitqies agir "ordinarju" ta' min ikollu t-tmexxija ta' kumpanija.

Filwaqt li din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddubita dan il-principju, f'dan il-kaz hemm cirkustanza partikolari li tippermetti lill-Qorti tmur oltre dak li ntqal sa issa; din ic-cirkostanza hija l-Memorandum and Articles of Association tal-kumpanija attrici, li fit-tieni paragrafu tal-artikolu 14 tieghu jipprovdi li

"*Anyone of the Managing Directors or such other person or persons authorised for that purpose by the Board of Directors from time to time, shall represent the company in all judicial proceedings, provided that no proceedings may be instituted by the company without the Board's consent".*

B'din il-klawsola, il-poteri tal-*Managing Director* gew estizi u ma baqghux dawk ordinarji, izda hu nghata l-poter ukoll li jirrapprezenta l-kumpanija f'kull procedura li ssir quddiem dawn il-Qrati. Il-*Managing Director* ma kellux biss f'idejh id-*day to day running* tal-kumpanija, imma nghata l-funzjoni li jirrapprezenta lill-kumpanija fi proceduri gudizzjarji, basta li dan ikun awtorizzat ghal dan l-iskop mill-Bord tad-Diretturi. Il-*Managing Director*, hekk awtorizzat, ikun qed jagixxi bhala rappresentant tal-Bord tad-Diretturi, delega li l-Bord gie awtorizzat jaghmel mill-Memorandum and Articles of Association tal-kumpanija. Kif spjega l-Gower, fil-ktieb "The Principles of Modern Company Law" (3rd Edit. Pag.138), ir-regola hi li l-Bord tad-Diretturi ma jistax jiddelega l-funzjonijiet tieghu lil xi hadd iehor, u dan in omagg ghall-principju *delegatus non potest delegare*, izda jaqbel li din ir-regola tista' tigi modifikata, fis-sens li "*the constitution may, and invariably will, authorise delegation by the Board."* Dan hu, fil-fatt, dak li gara f'dan il-kaz, meta l-istruttura tal-kumpanija

pprovdiet espressament li l-Bord tad-Diretturi ghandu l-poter li jiddelega r-rapprezentanza gudizzjarja tal-kumpanija lil *Managing Director* jew kwalunkwe persuna ohra.

F'dan il-kaz, jirrizulta li l-attur Joseph Said huwa Managing Director tal-kumpanija attrici, u l-Bord tad-Diretturi, b'rizoluzzjoni mehuda fis-16 ta' Settembru, 1986, kien awtorizza lis-Sur Said sabiex dan jiehu passi immedjati, kemm kriminali kif ukoll civili, kontra Alfred Grima u Henry Micallef in konnessjoni ma' dan il-kaz. Sussegwentement, f'laqgha li saret fit-22 ta' Dicembru, 1986, is-Segretarju tal-Bord, Dr. Aldo Vella, kien spjega li l-kawza kien ikollha ssir kontra l-ex-diretturi kollha tal-kumpanija. F'laqgha ohra li kienet saret fl-24 ta' Settembru, 1986, il-Bord tad-Diretturi kien afda l-aspetti legali tal-kaz f'idejn l-Avukat Aldo Vella, bhala s-segretarju u *legal adviser* tal-kumpanija.

Jidher car li l-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija mhux biss ried jagixxi b'din il-kawza, izda espressament awtorizza lill-*Managing Director* biex, wara li jkun gwidat bil-pariri legali tas-segretarju tal-Bord, jagixxi hu f'isimhom, bhala r-rappresentanti tal-kumpanija, kontra l-ex-diretturi fuq bazi ta' frodi u/jew negligenza. Meta agixxa bhala l-attur f'din il-kawza, huwa, ghalhekk, agixxa f'isem il-kumpanija kif awtorizzat mill-Bord tad-Diretturi.

L-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-kawza "DeGiorgio noe vs Busietta noe", deciza fil-25 ta' Frar, 1997, kienet qalet li l-General Manager tal-kumpanija, li mhux ukoll direttur tal-kumpanija, m'ghandux ir-rapprezentanza guridika tal-kumpanija, nonostante dak li jghid l-artikolu 68 (illum art.64) tal-Kodici Kummercjali li jiddisponi li *manager* jista' jharrek jew jigi mharrek f'isem il-*principal,* u dan peress li l-Ordinanza tal-1962 hija ligi specjali li tvesti r-rappresentanza guridika ta' socjeta' kummercjali f'idejn id-diretturi taghha. Apparti mill-fatt li, kif intwera, l-attur f'din il-kawza huwa direttur awtorizzat mill-Bord tad-Diretturi biex jistitwixxi din il-kawza, dan il-principju jidher li ma giex dejjem segwit, ghax fil-kawza "Degiorgio noe vs Grima noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede

Inferjuri), presjeduta mis-S.T.O Joseph Said Pullicino, fit-12 ta' Frar, 1996, gie osservat li l-kumpanija hija marbuta b'dak kollu li jaghmel il-*manager* taghha fil-konfront ta' terzi, u dana a tenur tal-principji stabbiliti fil-Kodici tal-Kummerc. Anke din il-Qorti, fil-kawza "Briffa vs Abela", deciza fit-28 ta' Marzu, 2003, rravvizat il-poteri tad-diretturi li jirrapprezentaw kumpanija ai termini tal-artikolu 49 tal-Kodici Kummercjali, li jaghmel referenza ghall-artikolu 1880 (2) tal-Kodici Civili li jitratta l-Mandat. (Saret referenza f'din il-kawza ghad-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Farrugia noe vs Carbone noe", fit-30 ta' Mejju, 2001). Hu minnu li dawn l-ahhar imsemmija kawzi ma kienux qed jittrattaw ir-rapprezentanza guridika tal-*manager* u tal-*managing director*, izda l-poteri tieghu li jorbot il-kumpanija, imma r-referenza li saret ghall-principju generali enunzjati fil-Kodici Kummercjali, huma jekk xejn, interessanti fid-dawl tal-poteri li l-Kodici Kummercjali jaghti lill-institur biex jirrappresenta l-principal.

Apparti dawn il-principji, din il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Borg noe vs Accountant General et" moghtija fis-16 ta' Frar, 1993, fejn intqal li l-konvenut f'kawza m'ghandu ebda dritt jattakka l-validita' tar-rappresentant tal-kumpanija attrici, anke jekk kien hemm difett procedurali fil-hatra tieghu, u dan peress li din materja li taraha l-kumpanija fil-kuntesta tal-organi taghha.

Fil-kuntest ta' din il-kawza, allura, jirrizulta li l-kawza mhux qed issir minn subordinat, izda mill-kumpanija li agixxiet tramite l-Bord tad-Diretturi taghha, u li, da parti tieghu, agixxa b'delegazzjoni lil Managing Director, kif awtorizzat espressament mill-att kostituttiv tal-kumpanija. Il-kawza, effettivament, qed issir mill-kumpanija kif imexxija mill-Bord tad-Diretturi taghha, u, kwindi, l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti Micallef mhux soretta bil-fatti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet imsemmija, tiddeciedi din il-materja billi tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari allura

sollevata mill-konvenut Professur Dottor Joseph A. Micallef, bl-ispejjez kontra l-konvenuti ahwa Micallef.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------